**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 16 ta' Gunju 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Obaid Alsaleh**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Obaid Alsaleh, detentur tal-permess ta' residenza Grieġ bin-numru P00616974**,** fejn gie akkuzat talli nhar il-25 ta' Mejju 2021, u fil-jiem ta' wara din id-data, b`diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda u cioe` :

1. Bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta’ kull xorta, ħa, jew żvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew rappreżentati f’dak ir-ritratt jew film u ċioe Emanuel Chetcuti;

2. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ’oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra, u ċioe Emanuel Chetcuti, tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil dik il-persuna jew persuna oħra u ċioe’ Emanuel Chetcuti.

Il-Qorti hija mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f’każ ta’ ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, u dana fil-konfront ta’ Emanuel Chetcuti u/jew il-familjari tiegħu.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f’każ ta’ ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Obaid Alsaleh sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali ta` llum stess sabiex din il-kawza titmexxa bir-rit sommarju;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghha.

**Ikkunsidrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis *inter alia* l-ammissjoni bikrija tal-imputat (anki fl-istqarrija), il-fedina penali nettissimma tieghu, u l-koperazzjoni mal-Pulijza. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha ser jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.**

**Konkluzjoni;**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 208E (1)(3), 250(1)(2), u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn, pero` sospizi ghal erba snin bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.**

**Bis-sahha tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabilta tieghu skond din is-sentenza.**

**Ordni ta` Trazzin skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta (dan l-Ordni jibda jiddekorri minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat u ghal zmien massimu ta` tlett snin).**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Emanuel Chetcuti** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati **Obaid Alsaleh** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Obaid Alsaleh** milli avvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Obaid Alsaleh** milli jikkuntattja, jdejjaq jew b'kull mod iehor jimmolesta lill-persuna msemmija.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta, u cioe li jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'dan l-ordni taħt dan l-artikolu, huwa jkun ħati ta'

reat u jista', meta jinstab ħati, jeħel multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur